# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

SERVIZZ PUBBLIKU

## Karriera fit-Turiżmu

**ŻGUR LI XI DARBA JEW OĦRA SMAJTU BIL-KELMA "TURIŻMU". DAN HU SETTUR IMPORTANTI FERM F'MALTA U GĦAWDEX, U MINNU, KIF NGĦIDU BIL-MALTI, JIEKLU ĦAFNA NIES.**

It-turiżmu huwa meta nies minn barra minn Malta jiġu f'pajjiżna biex iqattgħu perjodu ta' żmien. Dan jista' jkun li jagħmluh bħala vaganza jew inkella minħabba xogħol jew għal raġunijiet oħra, pereżempju biex jagħmlu xi operazzjoni għal saħħithom, biex isegwu xi kors edukattiv, jew għal raġunijiet oħra. Għalhekk hu tassew importanti li t-turisti nieħdu ħsiebhom sew u fl-istess ħin nieħdu ħsieb pajjiżna, halli jibqa' jattirahom.

Għal dan il-għan is-Servizz Pubbliku għandu diversi ħaddiema u uffiċjali biex ilkoll jagħmlu xogħol differenti relatat mat-turiżmu. Ejja nagħtu ħarsa lejn uħud minnhom.

L-ewwel nett importanti li aktar u aktar nies ikunu jafu bis-sbuħija ta' Malta. Għalhekk hemm dik li tissejjaħ l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), li għandha l-għan li tirreklama lil pajjiżna barra minn xtutna. Kif tafu intom pajjiżna għandu ħafna affarijiet li t-turisti jixtiequ jaraw, mill-bajjiet sbieħ sal-postijiet storiċi tagħna. Allura xogħol l-MTA, fost l-oħrajn, hu li tipprova tattira kemm jista' jkun turisti, u b'hekk ħafna familji Maltin jaqilgħu l-ħobża tagħhom, fosthom dawk li jaħdmu fil-lukandi, f'diversi negozji, ħwienet u restoranti, u ħafna oħrajn.

It-tieni, isir ħafna xogħol biex mhux biss nirriklamaw lil pajjiżna iżda jkollna prodott aktar komplut li jġħinna nħajru turisti differenti. Peress li avvenimenti kbar iġibu ħafna turisti lejn pajjiżna, għandek dipartimenti li jorganizzaw u jippromwovu avvenimenti varji, ngħidu aħna l-kunċerti mużikali, attrazzjonijiet kulturali u attivitajiet sportivi fost l-oħrajn. Bl-istess skop il-Kummissjoni tal-Films taħdem biex tattira lejn xtutna produzzjonijiet tal-films biex jinġibdu hawn Malta. Dawn l-isforzi kollha jgħinu biex it-turisti jiġu pajjiżna s-sena kollha u mhux biss fis-sajf.



L-indafa hi essenzjali biex min jiġi hawn ikollu esperjenza sabiħa, għax min jieħu gost f'post maħmuġ? Għalhekk hemm dipartiment apposta biex jikkordina t-tindif ma' Malta kollha. Dan jieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni ta' bosta elementi li nsibu fit-toroq tagħna, minn bankijiet u funtani sa tabelli informattivi fost l-oħrajn. Hemm ukoll aġenzija, li jisimha Tourism Zones Regeneration, li tiffoka fuq il-postijiet turistiċi u tieħu ħsieb li aktar postijiet ikunu attrazzjonijiet huma wkoll. B'hekk Malta tkun tista' tibqa' tikkompeti ma' pajjiżi ferm akbar minnha anke f'dan is-settur.

Jekk tinteressak l-industrija turistika ta' pajjiżna hemm diversi rotot li fihom tista' timraħ. Fuq kollox hemm l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS), li jista' jgħinek tispeċjalizza fl-ospitalità, jew inkella l-MCAST, li għandu numru kbir ta' korsijiet interessanti ferm.

B'hekk meta tikber tkun tista' tingħaqad mas-Servizz Pubbliku u tgħinna biex bi mħabba lejn pajjiżna nieħdu ħsiebu b'dedikazzjoni u naqsmu l-isbaħ verżjoni ta' Malta u Għawdex mat-turisti li jiġu jżuruna.

*Żomm kuntatt magħna!*